# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 29 – IL-ĦAMIS 15 TA' JANNAR 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fit-7:55pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ |

Kien hemm persuna waħda tattendi.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 28**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm appelli fir-rigward tal-offerta tal-knis u għaldaqstant il-kuntratt ingħata bidu mit-2 ta' Jannar 2015 kif miftihem. .

2.2 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien 7:55pm.

2.3 Is-SE infurmat li kienu nfetħet l-offerta tal-bosk li kienet tikkonsisti minn Lot 5 u Lot 6 u skont ir-rapport imħejji mill-perit, il-kuntrattur ta' Lot 5 ma kienx konformi 100% fuq l-items kollha fil-BOQ u għaldaqstant kien qed jiġi ssuġġerit li l-offerta għandha tinħareġ mill-ġdid fl-inter tagħha inkella jingħataw dawk li huma konformi, u l-kumplament jinħarġu mill-ġdid f'tender ġdida. Is-SE infurmat li kienet qed tistenna direzzjoni min-naħa tal-Managing Authority dwar kif seta' jipproċedi l-Kunsill. Kien hemm qbil li minħabba li ma fadalx żmien, kif is-SE jkollha risposta, din għandha tinforma lill-Kunsill u tittieħed deċiżjoni permezz ta' *email* li mbagħad tiġi kkonfermata waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Sadanittant is-SE infurmat li x-xogħol kien baqa' għaddej. Infurmat ukoll li l-MEPA kienet approvat il-kostruzzjoni ta' ġibjun u għaldaqstant fil-ġimgħat li ġejjin kellu jinbeda x-xogħol fuq dan ukoll.

2.4 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 3.1, is-SE infurmat li l-applikazzjoni kienet iddaħlet.

2.5 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 3.2, is-SE infurmat li l-ittra għadha ma ntbagħtitx però kienet iddiskutiet ma' uffiċjal fil-Ministeru dwar il-kwistjoni u dan kien wera interess fl-inizjattiva tal-Kunsill.

2.6 Għall-mistoqsija mingħand il-Viċi Sindku dwar para. 3.2, dwar jekk il-Perit tal-Kunsill kienx għadda xi pjanti ġodda dwar il-proġett ta' Triq San Oswald, is-SE infurmat li s'issa ma kienet irċeviet xejn.

2.7 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-SE infurmat li dwar para. 7.5, l-amministrazzjoni kienet qed tiġbor kwotazzjonijiet biex jitneħħa t-terrapien ta' Triq San Alessi.

2.8 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibdel l-andament tal-aġenda minħabba li kien hemm l-*accountant* jattendi. Għaldaqstant il-Kunsill beda jiddiskuti punt numru 5.

## 3. L-APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT

3.1 Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta l-baġit li kien ġie mfassal bejn is-Sindku, is-SE u l-*accountant* tal-Kunsill għas-sena 2015.

3.2 Dan kien approvat b'mod unanimu. Kopja tal-baġit hija annessa.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku informa li l-*Youth Exchange* mal-grupp ta' tnax-il żagħżuagħ żvediżi kien ġie approvat u li dan kien *fully funded* min-naħa tal-UE. Huwa informa li għalissa m'għandux linji gwida ta' kif jistgħu jintagħżlu dawn iż-żgħażagħ.

4.2 Is-Sindku informa li tliet entitajiet lokali kienu wrew interess li jgħinu fil-proġett tar-rijabilitazzjoni tax-xelter. Kien hemm qbil li l-Perit tal-Kunsill għandu jintalab jiċċertifika li l-post huwa sikur (*safe*) sabiex jinbeda t-tindif tal-post kif ukoll 'il quddiem jibda jintrama' sabiex 'il quddiem ikun ukoll attrazzjoni turistika lokali.

4.3 Is-Sindku talab il-parir tal-Kunsilliera dwar is-sitwazzjoni tal-iskips li kien hemm fi Triq Dar il-Kaptan u li kien hemm qbil bejniethom li għandhom jitpoġġew fi Triq il-Fosos tal-Qamħ, Triq Antonio Ellul (waħda kull naħa) u oħra fi Triq T. Agius Ferrante, wara li l-4 li kien hemm fi Triq Dar il-Kaptan sfaw maħruqa. Il-Kunsilliera kollha ħlief għall-Kunsillier Fenech (li talab li l-iskip ta' Triq Antonio Ellul tan-naħa tal-iskola għandha titneħħa), qablu li dawn l-iskips għandhom jitħallew f'dawn l-erba' toroq bħala prova għal xahar ieħor. Is-SE intalbet tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur biex dawn l-iskips jitnaddfu u jiġu ddisinfettati darba fil-ġimgħa hekk kif mitlub mill-kuntratt.

4.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, Matthew Seychell, kien għalaq it-18-il sena u għaldaqstant ma setax ikompli bil-kariga tiegħu. Għaldaqstant filwaqt li l-Kunsill kollu rringrazzja lis-Sur Seychell tal-kontribut tiegħu, kien hemm qbil li s-SE għandha toħroġ avviż biex timtela din il-vakanza.

4.5 Għall-mistoqsija tas-sindku dwar il-possibbiltà li jiżdiedu s-sigħat tat-tindif fil-Kunsill, is-SE infurmat li r-raġuni li tnaqqset is-siegħa fil-ġimgħa kienet minħabba li kienu se jiġu frankati madwar €700 fis-sena. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-kuntratt għandu jibqa' kif inhu.

## 5. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

5.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

5.2 Is-Sindku nnota li kienu naqsu l-ispejjeż tat-telefon. Min-naħa l-oħra staqsa lis-SE jekk il-linja fissa għandhiex tiġi limitata biss għal *incoming calls*. Fuq suġġeriment

tas-SE kien hemm qbil li ladarba din qed tintuża biss għall-emerġenza, il-linja fissa għandha tibqa' tintuża kemm għal *incoming* kif ukoll għal *outgoing calls*.

5.3 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Diċembru 2014.

## 6. OPPORTUNITÀ GĦALL-KUNSILLI LOKALI BIEX JISSOTTOMETTU PROPOSTI GĦAL PROĠETTI KAPITALI FIL-LOKALITAJIET TAGĦHOM

6.1 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill m'għandux japplika għal din l-iskema.

## 7. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA TAL-PROĠETT TAL-BOSK (MTFLC/T/06/2014)

7.1 Dan kien diġà ġie diskuss f'para. 2.3.

## 8. PJAN TA' TLIET SNIN

8.1 Is-SE fakkret li kemm-il darba hemm min għandu xi suġġerimenti jew rakkomandazzjonijiet għal xi proġett għal dawn it-tliet snin li ġejjin, għandu jibgħat kommunikazzjoni għad-diskussjoni.

8.2 Kien hemm qbil li dan għandu jiġi diskuss u maqbul waqt il-laqgħa li jmiss.

8.3 Sadanittant fakkret li s-sena li għaddiet il-Kunsill kien qabel li għandu jħalli €10,000 pjanati għar-restawr tal-arloġġ.

## 9. IL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

9.1 Is-SE fakkret li għandha tinżamm il-laqgħa tal-lokalità sabiex il-Kunsill jagħti rendikont lir-residenti dwar il-ħidma tiegħu matul is-sena li għaddiet u kif se jitqassam il-baġit tas-sena 2015.

9.2 Kien hemm qbil li din għandha tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu fis-7pm.

## 10. *PERFORMANCE BONUS* TAS-SE U L-ISKRIVAN

10.1 Kien hemm qbil li s-SE għandha tingħata 10% *performance bonus*.

10.2 Kien hemm qbil li l-iskrivan għandu jingħata 6% *performance bonus*.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Is-SE infurmat li kienet inkisret bankina fi Triq l-Imtarfa wara li sar xogħol bi krejn fuq il-faċċata l-oħra, wara li probabbilment xi vettura kbira telgħet fuq il-bankina għaliex ma kienx hemm wisa' minn fejn tgħaddi. Minħabba li t-tkissir sar b'mod indirett max-xogħol, kien hemm qbil li l-garanzija tax-xogħol għandha tingħata lura.

11.2 Is-Sindku talab direzzjoni mingħand il-Kunsill rigward kwistjoni fi Triq il-Ġilju wara li xi residenti talbu li titneħħa t-tabella ta' No Parking. Hawnhekk il-Kunsill ma qabilx li t-tabella għandha titneħħa. Is-Sindku ma qabilx ma' din id-deċizjoni.

11.3 Il-Kunsillier Fenech staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-vettura bin-numru 51. Is-Sindku informa li kien tkellem ma' TM diversi drabi. Kien hemm qbil li għandna nistennew lill-operatur il-ġdid biex naraw ikunx hemm xi żviluppi jew tibdiliet li jgħinu lis-servizz biex jopera aħjar.

**10. AĠĠORNAMENT**

12.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2015 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |